FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 21 TA’ OTTUBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur James Grech

vs

Josef Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 133680M akkuzat talli:

1. nhar il-11 ta' Lulju 2012 f'xi hin bejn il-0530hrs u t-0800hrs gewwa Haz Zebbug, ikkommetta serq ta' gojjellerija u flus kontanti minn gewwa residenza Hniena Divina, Triq Hal Dwieli Sqaq Nru. 3, Haz Zebbug liema serq huwa kwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi I-ammont ta' € 2329.37 u bil-Lok ghad-detriment ta' Raymond Schembri u / jew persuna jew persuni ohra. [Art 261 (b)(c)(e), 263,264, 265, 267, 269(g), 279(b), 280(2), 281(a), tal-Kap 9];

2. nhar it-03 t' April 2012 ghal habta tat-0830hrs gewwa Mgarr flimkien ma persuni ohra, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn gewwa residenza 'Maria Assunta', Triq Sir Temi Zammit, Mgarr, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi I-ammont ta' € 2329.37 u bil-Lok ghad-detriment ta' Vittoria Sammut ta' 64 sena u / jew persuna jew persuni ohra. [ Art. 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 262(1)(b), 263, 264, 265, 267, 269(g), 277(b), 278(3), 279(b), 280(2)(3), 281(a), Kap 9];

3. fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara huwa ta' iktar minn € 23.29 imma inqas minn € 116.47 ghad-dannu ta' Vittoria Sammut u / jew persuna/persuni ohra; [Art 325(1)(c) Kap 9];

4. bejn is-07 ta' April 2012 u 0845hrs tat-08 t'April 2012, assocja ruhu flimkien ma persuni ohra bil-ghan Ii jaghmlu delitt li ghalieh hemm iI-piena ta' prigunerija u cioe d-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-Mezz, bil- Valur li jeccedi I-ammont € 2329.37 u bil-Lok [Art.48A, 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 267, 269(g), 278(3), 279, 280(2), 281(a), Kap 9];

5. naqas milli jirrapporta lill-ufficjal awtorizzat mill-Karta ta' I-Identita minghajr dewmien li xi wahda mill-partikolaritajiet jew xi taghrif iehor li jinsab fil-karta ta' I-identita tieghu u cioe I-indirizz tal-Iok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif mahsub f'Artikolu 5 ta' I-Att dwar il-Karta ta' I-Identita, Kapitlu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, ma baqax aktar korrett; *(*Art 9 Kap 258);

II-Qorti hija mitluba titratta ma Josef Buttigieg bhala recidiv ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), moghtija lilu nhar il-15/05/2012 mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D. liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49 u 50 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

II-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika I-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Josef Buttigieg, ihallas I-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' I-esperti skond I-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 48A, 49, 50, 261(b)(c)(e), 262(1)(b), 263, 264, 265, 267, 269(g), 277(b), 278(3), 279(b), 280(2), 281(a), 325(1)(c), 533 tal-Kap 9 u Art 9 Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi:

Tikkundannah 18 il-xahar habs .

A.M. Trigona.

Magistrat.